***Worksheet* Ġ6.2.1**
Nagħmlu lista tal-pajjiżi li jkunu ssemmew fl-aħbarijiet f'perjodu ta' 15-il ġurnata.




**A: Aqra, imbagħad wieġeb.**

Din hija mappa tad-dinja. Meta nisimgħu l-aħbarijiet normalment nisimgħu:

(a) **Aħbarijiet lokali** – avvenimenti li ġraw fil-Gżejjer Maltin.

(b) **Aħbarijiet ta' barra** – avvenimenti li ġraw barra minn Malta, f'xi wieħed mill-pajjiżi tad-dinja.

Għalkemm ħafna mill-aħbarijiet jkunu lokali, jista' jkun li f'xi aħbarijiet lokali jkun hemm referenza għal pajjiżi barranin. F'ġurnata waħda, f'Lulju 2014 issemmew dawn il-pajjiżi fl-aħbarijiet:

| | il-pajjiż | l-aħbar |
|---|---|---|
| 1 | Gaża u Iżrael | Invażjoni tal-Iżrael fil-medda ta' Gaża minħabba l-missili sparati fuq Iżrael; imutu ħafna nies ċivili l-iktar nisa u tfal. |
| 2 | L-Ukrajna | Gwerra ċivili - jitwaqqa' ajruplan tal-linja tal-ajru tal-Malasja li jinzerta għaddej minn fuq l-Ukrajna; imutu 295 ruħ. |
| 3 | Spanja | Arrestat baruni tad-droga Kolombjan li nqabad f'Madrid, Spanja. |
| 4 | Franza | Dimostrazzjoni favur il-Palestinjani - id-dimostranti jippruvaw jidħlu fis-sinagoga tal-Lhud; jintuża l-gass tad-dmugħ. |
| 5 | Ħames pajjiżi Ewropej | Qadfa għall-karità minn ċiklisti Maltin; għaddew mir-Repubblika Ċeka, mill-Awstrija, mill-Ungerija, mis-Slovakkja sa ma waslu s-Serbja. |
| 6 | L-Istati Uniti tal-Amerika | Klieb imħarrġa fuq *surf-boards* ġewwa Kalifornja, USA. |
| 7 | Sebgħin pajjiż madwar id-dinja | Qassis Malti, Dun Ġwann Caruana, joħroġ il-ktieb *The Maltese Missionary Experience*, li jittratta dwar il-missjunarji Maltin f'madwar 70 pajjiż madwar id-dinja. Jissemmew fost l-oħrajn l-Awstralja, il-Perù, il-Brażil, l-Amerika, madwar 20 pajjiż Afrikan, madwar 17-il pajjiż Ewropew u l-Indja. |

1. Fit-tabella hemm żewġ aħbarijiet dwar l-inkwiet bejn il-Palestinjani u l-Lhud. Liema huma?

   Aħbar numru ______ u aħbar numru ___________.

2. Il-pajjiżi msemmija f'aħbar numru 7 ġejjin minn ħames kontinenti differenti. Dawn il-kontinenti huma:

   (a) ______________________________________________

   (b) ______________________________________________

   (c) ______________________________________________

   (d) ______________________________________________

   (e) ______________________________________________

3. Fit-tabella t'hawn fuq tħallew barra ħafna mill-aħbarijiet lokali, jiġifieri l-aħbarijiet dwar il-Gżejjer Maltin. Fil-fatt iktar minn nofs il-ħin tal-aħbarijiet kien meħud mill-aħbarijiet lokali. Għaliex taħseb li l-ikbar ammont ta' aħbarijiet ikunu lokali?

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________

4. Tnejn mill-aħbarijiet tal-lista huma aħbarijiet lokali li fihom referenza għal ħafna pajjiżi barranin. Ikteb in-numru tal-aħbar u għid fil-qosor x'rabta hemm bejn il-pajjiżi barranin u Malta:

(a) Aħbar numru: _______ Ir-rabta ma' Malta:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(b) Aħbar numru: _______ Ir-rabta ma' Malta:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Agħti raġuni waħda għaliex xi pajjiżi ssemmew fl-aħbarijiet f'din il-ġurnata partikolari.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**B: Kwiżż dwar tagħrif ġenerali mill-aħbarijiet**.

L-istudenti jiktbu u jistaqsu mistoqsijiet ta' tagħrif ġenerali dwar pajjiżi msemmija fl-aħbarijiet. Dawn li ġejjin huma biss xi eżempji.

1. F'liema kontinent jinsab il-Brażil?
2. Semmi żewġ pajjiżi Ewropej imsemmija fl-aħbarijiet li ma jmissux mal-Mediterran.
3. F'liema kontinent imorru l-iktar il-missjunarji Maltin?
4. Liema pajjiż hu l-ikbar fid-daqs: L-Indja jew is-Serbja?
5. Liema hi l-belt kapitali tal-Ungerija?

(N.B. *Mistoqsijiet bħal dawn u oħrajn bħalhom m'għandhom qatt jidhru f'eżami; l-iskop tagħhom hu li jqajmu interess fl-istudenti u b'hekk jiskopru l-gost tat-tagħlim.*)